A.L. 88 ta' l-2005

ATT DWAR SERVIZZI VETERINARJI, 2001
(KAP.437)

Regoli ta' l-2005 dwar il-kundizzjonijiet tas-Saħħa ta' l-Annimali li jirregolaw il-Moviment u l-Importazzjoni ta' l-Ekwini minn Pajjiżi Terzi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 8 u 9 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Kapitolu 1: DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Titolu, skop u applikabilità.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005 dwar l-Kundizzjonijiet tas-Saħħa tå l-Annimali li jirregolaw il-Moviment u l-Importazzjoni ta' l-Ekwini minn Pajjiżi Terzi.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu l-implimentazzjoni tar-regoli tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju, 1990 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni ta' l-ekwini minn pajjiżi terzi.

(3) Dawn ir-regoli jindikaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-moviment bejn Malta u l-Istati Membri u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwini ħajjin.

Tifsiriet.

2. Għall-iskop ta' dawn ir-regoli –

(a) "ammissjoni temporanja" tfisser l-istat ta' annimal reġistrat li joriġina minn pajjiż terz u li hu ammess f'xi territorju tal-Komunità għal perijodu ta' inqas minn 90 ġurnata li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura tal-Komunità, skond is-sitwazzjoni tas-saħħa fil-pajjiż ta' oriġini;

(b) "l-awtorità kompetenti" tfisser is-Servizzi Veterinarji fit-territorju ta' Malta kif provdut taħt l-artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

(ċ) "ekwini" tfisser annimali ekwini selvaġġi jew domestikati (inkluzi żebra) jew mill-ispeċi tal-ħmar jew il-wild mit-taħlit ta' dawn l-ispeċi;

(d) "ekwini għat-tgħammir u għall-produzzjoni" tfisser ekwini apparti minn ekwini intiż għall-qatla u ekwini reġistrati;

(e) "ekwini għall-qatla" tfisser ekwini intiżi għat-trasport jew direttament jew wara li jinġarru fis-suq jew f'ċentru approvat għall-kontroll lejn il-biċċerija għall-qatla;

(f) "ekwini reġistrata" tfisser ekwini reġistrati skond it-tifsira fid-Direttiva 90/427/KEE, identifikat permezz tad-odkument ta' identifikazzjoni maħruġ mill-awtorità għat-tgħammir jew minn kull awtorità kompetenti oħra tal-pajjiż minn fejn ikunu oriġinaw l-annimali li tamministra r-reġistru bir-razez taż-żwiemel jew ir-reġistru għal dak l-ispeċi ta' annimali jew kull assoċazzjoni jew organizazzjoni internazzjonali li tieħu ħsieb żwiemel għall-kompetizzjonijiet jew għat-tiġrijiet;

(g) "Il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea kif imwettqa taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

(h) "il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

(i) "mard li jrid jiġi notifikat bilfors" tfisser il-mard elenkat taħt l-Iskeda A li tinsab ma' dawn ir-regoli;

(j) "pajjiż terz" tfisser Stat li ma huwiex Membru fil-Komunità Ewropea;

(k) "razzett" ifisser stabbiliment ta' agrikoltura jew taħriġ, remissa jew, f'termini ġenerali, kull fond jew faċilitajiet fejn l-ekwini ġeneralment jinżammu jew jitgħammru, għal kull użu;

(l) "Servizzi Veterinarji" tfisser l-awtorità kompetenti f' Malta skond l-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

(m) Stat Membru" ifisser Stat li huwa Membru fil-Komunità Ewropea;

(n) "Stat Membru jew pajjiż terz ħieles mill-marda Afrikana taż-żiemel" tfisser kull Stat Membru jew pajjiż terz fejn ma' kien hemm l-ebda prova klinika, seroloġika (f'ekwini mhux vaċċinati) jew epidemjoloġika tal-marda Afrikana taż-żiemel fit-territorju

konċernat fis-sentejn li jiġu minnufi' qabel u fejn ma' kien hemm ebda vaċċinazzjoni kontra l-marda matul l-aħħar 12 il-xahar;

(o) "veterinarju uffiċjali" tfisser il-veterinajru nominat mill-awtorità ċentrali kompetenti ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz;

Kapitolu 2: REGOLI DWAR IL-MOVIMENT TAL- EKWINI

Awtorizzazzjoni għall-moviment tal-ekwini u l-eżenzjonijiet.

3. Is-Servizzi Veterinarji għandhom jawtorizzaw il-moviment tal-ekwini reġistrati f' Malta jew jibgħatu ekwini lejn Stat Membru biss meta dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet indikati fir-regoli 4 u 5. Madankollu, is-Servizzi Veterinarju tal-post destinatarju jistgħu jippermettu eċċezjoni ġenerali jew limitata fir-rigward tal-moviment ta' l-ekwini li -

(a) jkunu qed jintrikbu jew jittieħdu tul it-toroq ħdejn il-fruntieri interni tal-Komunità, għall-skopijiet ta' sport jew ta' rikreazzjoni;

(b) jkunu qed jieħdu parti f'attivitajiet kulturali jew avvenimenti simili jew f'attivitajiet organizzati mill-korpi lokali awtorizzati li jkunu jinsabu ħdejn il-fruntjieri interni tal-Komunità;

(ċ) huma unikament intiżi biex jirgħu fuhom temporanjament jew inkella jaħdmu ħdejn il-fruntjieri interni tal-Komunità. Meta' wieħed jagħmel użu minn dik l-awtorizzazzjoni, is-Servizzi Veterinarji għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-kontenut tal-eżenzjonijiet mogħtija.

Regoli għall-ispezzjoni ta' l-ekwini.

4. (1) L-ekwini ma' għandhom juru l-ebda sinjal ta' mard waqt l-ispezzjoni. L-ispezzjoni għandha ssir fi żmien it-48 siegħa qabel l-embarkazzjoni jew il-ġarr tagħhom. Madankollu, fil-każ tal-ekwini reġistrati, mingħajr preġudizzju għar-regolament 6, l-ispezzjoni għandha ssir għal skopijiet ta' kummerċ intra-Komunitarju biss.

(2) Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tas-subregola (5) dwar il-mard li jrid jiġi notifikat ta' bilfors, il-veterinarju uffiċjali għandu, fil-ħin tal-ispezzjoni, jkun sodisfatt illi m'hemmx raġunijiet partikolari abbażi tad-dikjarazzjonijiet mis-sid jew mingħand minn rabbi' għalxiex għandu jikkonkludi illi l-ekwini jkunu ġew f'kuntatt ma' ekwini oħra li jkunu qedgħin ibatu minn mard infettiv jew kontaġġjuż waqt il-15 il-ġurnata li jaħbtu immedjatament qabel l-ispezzjoni.

(3) L-ekwini ma' għanodmx ikunu intiżi għall-qatla taħt il-programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard infettiv jew kontaġġjuż. -

(4) L-ekwini għandhom ikunu identifikati kif ġej:

(i) fil-każ ta' żwiemel reġistrati, permezz tad-dokument ta' identifikazzjoni, skond id-Direttiva 90/427/KEE, li għandu jiċċertifika partikolarment illi l-Artiklu 5 (5) u (6) ġew osservati. Il-veterinarju uffiċjali għandu jissospendi l-validità ta' dan id-dokument għall-perijodu tal-projbizzjonijiet skond l-Artiklu 5(5). Dan id-dokument għandu jiġi ritornat lill-awtorità fejn ġiet maħruġa, wara l-qatla taż-żiemel reġistrat;

(ii) fil-każ ta' l-ekwini għat-tagħmmir u għall-produzzjoni, l-identifikazzjoni permezz tal-metodu li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni skond il-proċedura relevanti fil-Komunità. Sa' dak iż-żmien li jintuża dan il-metodu, l-metodi uffiċjali approvati għall-identifikazzjoni għandhom jibqgħu japplikaw, sakemm jiġu notifikati mis-Servizzi Veterinarji lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra fi żmien tlett xhur mid-data meta' jiġu aodttati dawn ir-regolamenti.

(5) Apparti mir-rekwiżiti indikati fir-regola 5, l-ekwini m'għandhomx jiġu minn razzett li kien soġġett għal xi wieħed mill-ordnijiet ta' projbizzjoni kif ġejjin -

(i) jekk l-annimali kollha ta' l-ispeċi suxxetibbli għall-marda li jinsabu fir-razzett ma ġewx maqtula, il-perjodu ta' projbizzjoni li tikkonċerna r-razzett ta' oriġini għandu jkun ta' mill-inqas -

(a) sitt xhur fil-każ ta' ekwini suxxetibbli li qabadhom *dourine*, li jiddekorru mid-data ta' l-aħħar kuntatt proprju jew possibbli mal-annimal marid. Madankollu, fil-każ ta' stallun (żiemel mhux imsewwi miżmum għar-razza), il-projbizjoni għandha tapplika sakemm l-annimal jiġi kastrat,

(b) sitt xhur fil-każ ta' *glanders* jew enċefalomijelite ekwina, li jiddekorru mill-ġurnata meta' l-ekwini li jkunu qed ibatu minn din il-marda jiġu maqtula,

(ċ) fil-każ ta' anemija infettiva, sad-data meta, l-annimali infettati ikunu ġew maqtula, ir-rimanenti annimali urew reazzjoni negattiva għal żewġ testijiet *Coggins* magħmula bi tlett xhur żmien bejn wieħed u ieħor,

(d) sitt xhur fil-każ ta' stomatite vesikolari,

(e) xahar mill-aħħar każ rapportat, fil-każ ta' rabja,

(f) 15-il ġurnata mill-aħħar każ rapportat, fil-kaz ta' *anthrax*;

(ii) jekk l-annimali kollha tal-ispeċi suxxetibbli għall-mard lokalizzati fir-razzett ġew maqtula u l-fond disinfettat, il-perijodu ta' projbizzjoni għandu jkun ta' 30 ġurnata, li jibda għaddej mill-ġurnata meta l-annimali ġew distrutti u l-fondi dinsinfettati, ħlief fil-każ ta' *anthrax*, meta' il-perijodu ta' projbizzjoni huwa ta' 15-il ġurnata.

Is-Servizzi Veterinarji jistgħu jidderogaw mill-miżuri projbittivi fil-każ ta' ippodromi u korsi tat-tlielaq, u għandhom jgħarfu lill-Kummissjoni dwar ix-xorta ta' d-deroga mogħtija.

(6) Meta s-Servizzi Veterinarji jifformulaw jew ifformulaw programm volontarju jew obbligatorju għall-kontroll tal-mard li l-ekwini huma suxxetibbli għalih, dawn jistgħu jippreżentaw il-programm lill-Kummissjoni fejn partikolarment jispeċifikaw –

(a) id-distribuzzjoni tal-mard fit-territorju tagħhom;

(b) ir-raġuni għall-programm, fil-kuntest tat-tifsira tal-marda u tal-vantaġġi tal-ispejjeż/benefiċċji;

(ċ) iż-żona ġeografika fejn il-programm għandu jiġi implimentat;

(d) Il-kategoriji ta' l-istatus li għandhom jiġu applikati għal stabbilimenti, il-livelli li għandhom jinkisbu għal kull speċi u l-proċeduri tat-testijiet li għandhom jintużaw, il-proċeduri tal-programm ta' kontroll;

(e) l-azzjoni li għandha tittieħed jekk, għal xi raġuni, ir-razzett jitlef l-istatus tiegħu;

(f) il-miżuri li għandhom jittieħdu jekk ir-riżultati tat-testijiet magħmulin skond id-disposizzjonijiet tal-programm huma posittivi;

(g) in-natura b'metodu mhux diskriminatorju tal-kummerċ f' Malta fir-rigward ta' kummerċ intra-Komunitarju. Il-programmi preżentati mis-Servizzi Veterinarji għandhom jiġu eżaminati mill-Kummissjoni. Meta' jkun adattat għandha tapprovhom skond il-proċedura rilevanti tal-Komunità. Kull garanzija addizjonali, ġenerali jew speċifika, li tista' tiġi rikjesta fil-kummerċ intra-kommunitarju jista' jiġi definit skond l-istess proċedura. Dawk il-

garanziji ma għandhomx jeċċedu dawk meħtieġa minn Malta fit-territorju tagħha stess Malta. Il-programmi ppreżentati mis-Servizzi Veterinarji jistgħu jiġu emendati jew supplimentati skond l-istess proċedura.

Meta jintbagħtu ekwini li mhumiex ħielsa mill-marda Afrikana taż-żiemel.

5. (1) Meta Malta mhijiex ħielsa mill-marda Afrikana taż-żiemel skond it-tifsira ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz ħieles mill-marda Afrikana taż-żiemel kif indikat fir-regola 2, is-Servizzi Veterinarji jistgħu jawtorizzaw il-ħruġ ta' l-ekwini minn dik il-parti tat-territorju ta' Malta kkunsidrata bħala infettata skond it-tifsira fis-subregola (2) ta' din ir-regola taħt il-kundizzjonijiet indikati fis-subregola (3).

(2) (i) Parti tat-territorju ta' Malta għandha titqies bħala infettata bil-marda Afrikana taż-żiemel jekk:

(a) provi kliniċi, seroloġiċi (f'annimali mhux vaċċinati) u, jew epidemjoloġiċi jkunu juru l-preżenza tal-marda Afrikana taż-żiemel fl-aħħar sentejn, jew

(b) tkun ingħatat il-vaċċinazzjoni kontra l-marda Afrikana taż-żiemel fl-aħħar 12-il xahar.

(ii) Il-parti tat-territoju kkunsidrata bħala infettata bil-marda Afrikana taż-żiemel għandha mill-inqas tikkomprendi:

(a) żona ta' protezzjoni f'raġġ ta' mill-inqas 100 km madwar ċentru ta' infezzjoni;

(b) żona ta' sorveljanza ta' mill-inqas 50 km li testendi 'l hinn miż-żona tal-protezzjoni, fejn ma' tkun saret ebda l-vaċċinazzjoni matul l-aħħar 12-il xahar.

(iii) Ir-regoli li jikkontrollaw il-miżuri ta' ġlied konnessi mat-territorji u żoni msemmija fis-subregoli (a) u (b) u id-deroga relevanti huma speċifikati fid-Direttiva 92/35/KEE.

(iv) L-ekwini kollha vaċċinati li jinsabu fiz-zona ta' protezzjoni għandhom jiġu reġistrati u identifikati skond l-Artikolu 6 (1) tad-Direttiva 92/35/KEE. Id-odkument ta' identifikazzjoni u, jew iċ-ċertifikat tas-saħħa għandhom jagħmlu referenza ċara għal dik il-vaċċinazzjoni.

(3) Malta tista' tibgħat biss mit-territorju tagħha msemmi fis-subregola 2(b), ekwini li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) għandhom jintbagħtu biss waqt ċertu perjodi tas-sena, fil-qjies ta' l-attività ta'l-insetti parassiti li jġorru l-mard minn post għal ieħor kif stabbilit mill-Komunità;

(ii) ma' għandhom juru l-ebda sintomi kliniċi tal-marda Afrikana taż-żiemel fil-jum ta' l-ispezzjoni indikat fir-regola 4 (1);

(iii) (a) jekk ma' ġewx vaċċinati kontra il-marda Afrikana taż-żiemel, iridu jkunu ġew sottoposti u reaġixxew negattivament għal *complement fixative test* kontra l-marda Afrikana taż-żiemel skond l-Iskeda D, darbtejn b'waqfa ta' bejn 21 u 30 ġurnata bejn iż-żewġ testijiet, u t-tieni wieħed għandu jkun sar matul l-għaxart ijiem qabel ma dawn jintbagħtu,

(b) jekk ikunu ġew vaċċinati, ma' għandhomx ikunu ġew vaċċinati matul ix-xahrejn ta' qabelu iridu jkunu ġew sottoposti għat-test fissativ spjegat fl-Iskeda D bl-intervalli imsemmija qabel mingħajr ma tkun ġiet raportata żjieda fl-għadd ta' anti-korpi. Jistgħu jintużaw metodi oħrajn ta' monitoraġġ rikonoxxuti mill-Kummissjoni.

(iv) għandhom ikunu nżammu fi stazzjoni ta' kwarantina għal mill-inqas 40 ġurnata qabel ma' dawn jinħarġu;

(v) għandhom ikunu ġew prottetti mill-insetti parassiti li jġorru l-mard minn stazzjoni għall-ieħor waqt iż-żmien ta' kwarantina u waqt it-trasport mill-istazzjon tal-kwarantina għall-post minn fejn jintbagħtu.

Deroga f'każijiet ta' spezzjoni.

6. Is-Servizzi Veterinarji jistgħu jippermettu, lill-ekwini ġejjin minn Stati Membri li jimplimentaw sistema alternattiva ta' kontroll bl-għoti ta' garanziji ekwivalenti għal dawk fir-regola 4(5) rigward il-movimenti fit-territorju ta' l-ekwini u ekwini reġistrati, partikolarment permezz tad-odkument ta' identifikazzjoni, deroga oħra mid-disposizzjonijiet tat-tieni sentenza tar-regola 4(1) u tar-regola 8(1) (ii) b'bażi reċiproku. Is-Servizzi Veterinarji għandhom jagħrrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Trasportazzjoni tal-ekwini.

7. (1) L-ekwini għandhom jiġu trasportati, mill-aktar fis, mir-razzett ta' oriġini jew minn suq approvat jew ċentru ta' kontroll skond it-tifsira mogħtija fl-Artikolu 2 (2) (o) tad-Direttiva 64/432/KEE lejn il-post ta' destinazzjoni b'mezz ta' trasport jew kontenituri li tnaddfu u ġew disinfettati regolarment b'disinfettanti f'intervalli li jridu jiġu ffissati mis-Servizzi Veterinarji. Il-mezzi ta' trasport għandhom ikunu magħmulin b'tali mod illi l-ħmieġ ta' l-ekwini, skart jew għalb ma' jistgħux jaqgħu minn dawn il-mezzi waqt it-trasport. It-trasportazzjoni

għandha ssir b'tali mod illi s-saħħa u l-aħjar interess ta' l-ekwini jkunu jista' jiġi effettivament protett.

(2) Is-Servizzi Veterinarji jistgħu, fil-post tad-destinazzjoni, fuq bażi ġenerali jew restrittiva, jagħtu deroga minn xi rekwiżiti tar-regola 4 (5) fir-rigward ta' kull animal li jkollu marka speċjali li tkun tindika li huwa ddestinat għall-qatla, sakemm iċ-ċertifikat tas-saħħa jsemmi din id-deroga. Fil-każ ta' l-għoti ta' din id-deroga, l-ekwini għall-qatla għandhom jiġu trasportati direttament lejn il-biċċeriji magħżula u għandhom jinqatlu fi żmien ħamest ijiem mill-wasla tagħhom hemmhekk.

(3) Il-veterinarju uffiċjali għandu jirraporta in-numru ta' identifikazzjoni jew in-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni ta' l-annimal maqtul u għandu jibgħat lill-awtorità kompetenti fil-post minn fejn inbgħat, fuq talba ta' din ta' l-aħħar, prova li l-annimal ikun inqatel.

Dokument ta' identifikazzjoni u ċertifikati.

8. (1) Is-Servizzi Veterinarji għandhom jivverifikaw illi:

(i) l-ekwini reġistrati li jitilqu mir-razzett tagħhom għandhom ikollhom magħhom id-dokument ta' identifikazzjoni msemmija fir-regola 4 (4) flimkien mal-prova indikata fl-Iskeda B jekk huma intenzjonati għall-kummerċ Intra-Komunitarju;

(ii) waqt li qed jiġu trasportati lejn Stat Membru, l-ekwini għat-tagħmmir, produzzjoni u qatla għandhom jiġu akkumpanjati minn ċertifikat ta' saħħa maħruġ skond l-Iskeda C li tinsab ma' dawn ir-regoli. L-ekwini għat-tagħmmir, produzzjoni u qatla meta' jaslu Malta għandu ikollhom ċertifikat tas-saħħa maħruġ skond l-Iskeda C li tinstab ma' dawn ir-regoli. Iċ-ċertifikat, jew fil-każ ta' dokument ta' identifikazzjoni, il-forma li jkun fiha l-partikolaritajiet tas-saħħa, għandhom, mingħajr preġudizzju għar-regola 6, jimtlew waqt l-aħħar 48 siegħa li jiġu qabel l-imbarkazzjoni jew inkella mhux iktar tard minn l-aħħar ġurnata tax-xogħol qabel, f'mill-inqas waħda mill-lingwi uffiċjali ta' Malta u ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni. Iċ-ċertifikat jibqa' validu għal 10 ijiem. Iċ-ċertifikat għandu jkun jikkonsisti f'paġna waħda.

(2) L-importazzjonijiet ta' ekwini, apparti minn dawk reġistrati, jistgħu ikunu koperti minn ċertifikat tas-saħħa wieħed ma' kull kunsinja minflok iċ-ċertifikat individwali msemmi fis-subregola (1)(ii) ta' din ir-regola.

L-applikazzjoni ta' l-Att dwar l-Istruttura Veterinarja u d-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE.

9. Ir-regoli indikati f'artikolu 15 tal-Att dwar l-Istruttura Veterinarja u fid-Direttiva tal-Kunsill 90/425/EE dwar il-kontrolli veterinarji u zootekniċi fil-kummerċ intra-komunitarju fuq xi uħud mill-

annimali ħajjin u prodotti bl-intenzjoni li jiġi kompletat is-suq intern, għandhom partikolarment japplikaw għall-kontrolli fl-oriġini, għall-organizzazzjoni tal-kontrolli magħmula fid-destinazzjoni u l-prosegwiment tagħhom, u għall-miżuri ta' ħarsien li għandhom jiġu implimentati.

Spezzjonijiet fuq il-post.

10. L-esperti veterinarji mill-Kummissjoni jistgħu jesegwixxu spezzjonijiet fuq il-post, sakemm dan ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dawn ir-regoli u f'koperazzjoni mas-Servizzi Veterinarji. Dawn is-Servizzi għandhom jagħtu l-għajnuna kollha meħtieġa lill-esperti biex ikunu jistgħu jwettqu dmirjiethom.

Kapitolu 3: REGOLI GĦALL-IMPORTAZZJONI MINN PAJJIŻI TERZI

Kundizzjonijiet għall-ekwini importati minn pajjiżi terzi.

11. Ekwini importati minn pajjiż terz ġol-Komunita"wara li jgħaddu minn Malta għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet indikati fir-regoli 12 sa 16.

Meta jiġu importati l-ekwini.

12. Sabiex jiġu importati, l-ekwini għandhom jiġu minn pajjiż terz jew parti minnu kif jidher fuq lista magħmula mill-Kummissjoni.

Kundizzjonijiet għall-importazzjoni ta' ekwini.

13. (1) L-ekwini għandhom jiġu minn pajjiżi terzi:

(i) ħielsa mill-marda Afrikana taż-żiemel;

(ii) li jkunu ilhom ħielsa għal sentejn mill-enċefalomiti ekwina tal-Venezwela (EEV);

(iii) li jkunu ilhom ħielsa għal sitt xhur mid-durina u *glanders*.

(2) Is-Servizzi Veterinarji għandhom japplikaw għal deċiżjoni tal-Kummissjoni illi tista':

(i) tiddeċiedi illi d-disposizzjonijiet tas-subregola (1) għandhom japplikaw biss għal parti mit-territorju tal-pajjiżi terz. Jekk ir-rekwiżiti tal-marda Afrikana taż-żiemel japplikaw fuq bażi reġjonali, għandhom mill-inqas jiġu osservati l-miżuri indikati fir-regoli 5 (2) u (3);

(ii) titlob garanziji oħra kontra l-mard mhux magħrufin fil-Komunità.

Kundizzjonijiet ohra għat-trasportazzjoni.

14. Qabel il-ġurnata tat-tagħbija għat-trasport lejn Malta, l-ekwini għandhom jitħallew mingħajr interruzjoni fit-territorju jew f'parti mit-territorju ta' pajjiż terz jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni, fil-parti tat-territorju kif imfisser wara r-regola 13 (2) (i) għal perijodu stabbilit fir-regola 15. Dawn għandhom jiġu minn razzet li jkun tqiegħed taħt is-superviżjoni veterinarja.

Kwalifiki ohra għall-importazzjoni ta' l-ekwini minn pajjiżi terzi.

15. (1) L-importazzjoni ta'l-ekwini mit-territorju ta' pajjiż terz jew parti minnu kif imfisser fir-regola 13 (2) (i) fil-lista magħmula skond ir-regola 12 għandha tiġi awtorizzata biss jekk l-ekwini, apparti mir-rekwiżiti tar-regola 13 -

(i) jobdu ir-rekwiżiti dwar is-saħħa ta' l-annimali adottati, b'riferenza għall-ispeċi in kwistjoni u l-kategoriji ta' l-ekwini, mill-Komunità għall-importazzjonijiet tal-ekwini minn dak il-pajjiż. Il-bażi ta' referenza għall-iffissar tal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali skond is-subregola (1) għandhom ikunu l-livelli indikati fir-regoli 4 u 5; u

(ii) fil-kaz ta' pajjiż terz mhux ħieles minn stomatiti vesikulari jew artrite virali għal mill-inqas sitt xhur, l-ekwini għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandhom jiġu minn razzett li jkun ilu ħieles minn stomatiti veskolari għal mill-inqas sitt xhur u li irreaġixxew negattivament għat-test seroloġiku qabel ma jintbgħatu;

(b) fil-każ ta' artrite virali, l-ekwini maskili ikunu irrispettivmaent mir-regola 18 irreġġixew negattivament għat-test seroloġiku jew għat-test ta' isolament virali jew għal kull test ieħor rikonoxxut mill-Komunità.

Ir-rekwiżit relatat ma' l-artrite virali ekwina għandu japplika għall-ekwini maskili bl-eċċezjoni ta':

(a) ekwini vaċċinati kontra l-artrite virali taħt supervizjoni uffiċjali bil-vaċċin approvat mill-awtorità kompetenti u li irreaġixxew b'riżultat negattiv għat-test ta' newtralizzazzjoni tas-serum b'rata ta' 1 f'4 kontra dik il-marda. L-ekwini għandhom jiġu vaċċinati fid-data meta' jittieħed l-kampjun tad-demm jew fi żmien 15 il-ġurnata sussegwenti sakemm ikunu ġew isolati waqt dan il-perijodu. It-test għandu jsir u jiġi ċertifikat, u r-riżultat u l-vaċċinazzjoni għandhom jiġu ċertifikati, taħt supervizzjoni uffiċjali veterinarja. Il-vaċċinazzjoni għandha tiġi ripetuta f'intervalli regolari. Fil-każ ta' ekwini reġistrati, il-vaċċinazzjonijiet u r-

riżultati tat-testijiet seroloġiċi għandhom jiġu inklużi fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport),

(b) l-ekwini vaċċinati kontra l-artrite virali taħt superviżjoni uffiċjali b'vaċċin approvat mill-awtorità kompetenti u li ġew sottoposti għal żewġ testijiet tan-newtralizzazzjoni tas-serum kontra l-marda b'intervall ta' mill-inqas għaxart ijiem bejn l-età ta' 180 u 270 il-ġurnata mingħajr ma' jkun hemm żieda fl-anti korpi. L-ekwini għandhom jiġu iżolati taħt superviżjoni uffiċjali veterinarja mill-ħin meta jittieħed l-ewwel kampjun tad-demm għall-vaċċinazzjoni. It-test għandu jsir u jiġi ċertifikat, u r-riżultati u l-vaċċinazzjonijiet ċertifikati, taħt supervizjoni veterinarja. Il-vaċċinazzjoni għandha tiġi ripetuta f'intervalli regolari. Fil-kaz ta' l-ekwini reġistrati, il-vaċċinazzjonijiet u r-riżultati tat-testijiet seroloġiċi għandhom jiġu inklużi fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport),

(ċ) l-ekwini ta' età ta' inqas minn 180 ġurnata,

(d) l-ekwini għall-qatla għandhom jintbagħtu direttament lejn l-biċċerija flimkien maċ-certifikat skond l-Anness I mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/196/KEE dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet tal-ekwini għal qatla.

(2) Mingħajr preġudizzju mad-Deċiżjoni 92/160/KEE, Malta għandha tawtorizza l-importazzjonijiet ta' l-ekwini għall-qatla minn pajjiż terz li jidhru fil-Parti I ta' l-Anness mid-Deċiżjoni 79/542/KEE u li huma markati bil-ħruq b'mod ċar u bla dubbju bl-ittra 'S' ta' mhux inqas minn 3 ċm daqs fuq il-qawqab tax-xellug tas-sieq ta' quddiem:

(i) u li, jekk jintbagħtu direttament il-biċċerija sabiex jinqatlu fi żmien ħamest ijiem wara l-wasla tagħhom fil-biċċerija u mhux iktar minn ħamest ijiem waral-wasla tagħhom fil-Komunità għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Anness I mid-Deċiżjoni 93/196/KEE dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet tal-ekwini għall-qatla. Madankollu, fejn l-ekwini huma assoġġettati għall-vjaġġ bil-baħar ta' iktar minn tmient ijiem, is-Servizzi Veterinarji ta' Malta jistgħu jiddeċiedu li dawk l-ekwini jinqatlu fi żmien 21 ġurnata mill-wasla tagħhom fil-biċċerija, sakemm jibqgħu fil-biċċeriji taħt is-superviżjoni ta' kuljum tal-veterinarju uffiċjali. Is-Servizzi Veterinarji ta' Malta għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dawn il-każijiet;

(ii) jew li, jekk qed jgħaddu minn ġo suq jew ċentru ta' kontroll qabel jinqatlu, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 93/196/KE.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 92/160/KEE, Malta għandha tawtorizza l-importazzjonijiet ta' ekwini reġistrati u dawk għat-tagħmmir –

(i) li jiġu minn pajjiż terz li jidher fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KE dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet ta' l-ekwini reġistrati għat-tagħmmir u għall-produzzjoni, u

(ii) Konformement mar-rekwiżiti indikati fil-kampjun xieraq taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali indikat fl-Anness II mad-Deċiżjoni tal- Kummissjoni 93/197/KE.

Identifikazzjoni ta' l-ekwini.

16. (1) L-ekwini għandhom jiġu identifikati skond ir-regola 4 (4) u għandhom ikollhom ċ-ċertifikat mimli minn veterinarju uffiċjali mill-pajjiż terz li qed jesporta. Dan iċ-ċertifikat għandu:

(i) jinħareġ fil-jum tat-tgħabbija tal-annimali għat-tluq lejn Stat Membru ta' destinazzjoni jew, fil-każ ta' żwiemel reġistrati, fl-aħħar jum tax-xogħol qabel l-imbarkazzjoni;

(ii) jintela f'mill-inqas lingwa waħda uffiċjali ta' Malta u ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni u waħda mill-lingwi ta' l-Istat Membru fejn issir l-ispezzjoni tal-importazzjoni;

(iii) jakkumpanja l-annimali fl-istat oriġinali relattiv;

(iv) juri fil-fatt illi l-annimali jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva 90/426/KEE u dawk indikati konformement mad-Direttiva dwar l-importazzjoni ta' l-ekwini minn pajjiżi terzi;

(v) jkun jikkonsisti f'folja ta' paġna waħda;

(vi) jkun magħmul għal reċipjent wieħed jew, fil-kaz ta' annimali għall-qatla, għal konsenja, sakemm l-annimali huma ttimbrati u identifikati kif imiss. Is-Servizzi Veterinarji għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni jekk jużaw din is-sistema.

(2) Iċ-ċertifikat għandu jsir fuq formola konformement ma' mudell stabbilit mill-Komunità.

Ekwini malli jaslu Malta.

17. (1) Malli jaslu Malta bħala Stat Membru ta' destinazzjoni l-ekwini għal qatla għandhom jittieħdu l-biċċeriji, jew direttament jew wara li jgħaddu minn suq jew ċentru ta' kontroll, u, skond ir-rekwiżiti għas-saħħa ta' l-annimali, għandhom jinqatlu fi żmien speċifikat fir-regola 15.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull kundizzjoni speċjali li tista' tiġi adottata mill-Komunità, is-Servizzi Veterinarji jistgħu, għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali, jagħżlu l-biċċerija fejn għandhom jittieħdu dawk l-ekwini.

Dħul mill-ġdid ta' żiemel reġistrat għat-tiġrijiet.

18. Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 92/160/KEE, is-Servizzi Veterinarji għandhom jawtorizzaw id-dħul mill-ġdid ta' żwiemel għat-tiġrijiet, kompetizzjonijiet u attivitajiet kulturali wara l-esportazzjoni temporanja meta dawn iż-żwiemel:

(a) jirritornaw mill-pajjiżi terzi li jidhru fil-Partijiet I u II tal-kolonna speċjali għall-ekwini fl-Anness mad-Deċiżjoni 79/542/KEE fejn ġew temporanjament esportati jew direttament jew wara trasport bejn pajjiżi oħrajn tal-istess grupp indikat taħt l-Anness I mad-Deċiżjoni 93/195/KEE dwar il-kundizzjonijet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarju għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrijiet, kompetizzjonijiet u attivitajiet kulturali wara esprotazzjoni temporanja,

(b) jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżiti indikati fil-kampjun taċ-ċertifikat tas-saħħa indikat fl-Anness II mad-Deċiżjoni 93/195/KEE.

SKEDA A

Mard li għandu jiġi notifikat b'obbligu

Il-mardiet li ġejjin għandhom jiġu notifikati b'obbligu:

- Durina
- *Glanders*
- Enċefalomilite ekwini (ta' kull kwalita', inkluza EEV)
- Anemia kontaġġjuża
- Rabbja
- Anthrax
- Marda Afrikana taż-żiemel
- Stomatiti vesikolari.

SKEDA B

INFORMAZZJONI DWAR IS-SAĦĦA([a])

Nru. tal-Passaport ……..

Jiena, hawn taħt iffirmat, nikkonferma ([b]) illi l-annimal ekwin deskritt hawn qabel jissoisfa ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) illum ġie eżaminat u ma juri l-ebda sinjali kliniċi ta' mard;

(b) mhux intenzjonat għal qatla taħt programm nazzjonali għall-eradikazzjoni ta' mard kontaġġjuz jew infettiv;

(c) ma' jiġix minn territorju jew parti minnu ta' Stat Membru/pajjiżi terz li huwa assoġġettat għar-restrizzjonijiet għar-raġunijiet tal-marda Afrikana taż-żiemel ([c]), jew

- jiġi minn territoju jew parti minnu ta' Stat Membru li huwa assoġġettat għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali u ġie sottopost, b'riżultati sodisfaċenti, għat-testijiet kif provdut fl-Artikolu 5 (3) tad-Direttiva 90/426/KEE fl-istazzjoni tal-kwarantina ta' …… bejn …….. u ……..([d]);

- mhux vaċċinat kontra l-marda Afrikana taż-żiemel, jew kien ġie vaċċinat kontra l-marda Afrikana taż-żiemel nhar il- …… ;

(d) ma' jiġix minn razzett li kien assoġġettat għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali u lanqas ma' ġie f'kuntatt ma' ekwini minn razzett li kienu assoġġettati għal projbizjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali:

(a) Dan it-tagħrif m'huwiex meħtieġ meta' jkun hemm ftehim bilaterali skond l-artiklu 6 tad-Direttiva 90/426/KEE.
(b) Validu għal ghaxart ijiem
(c) Ħassar fejn ma' jgħoddx
(d) Għandha tiddaħħal id-data tal-Vaċinazzjoni fil-passaport.

- matul sitt xhur fil-kaz ta' ekwini suspettati li qabdu l-marda durina, li bdiet mid-data tal-aħħar kuntatt attwali jew possibbli ma' annimal marid. Madankollu, fil-kaz ta' stallun (żiemel mhux imsewwi miżmum għar-razza), il-projbizzjoni għandha tapplika sakemm l-annimal jiġi kastrat,

- matul is-sitt xhur fil-kaz ta' *glanders* jew enċefalomjelite, mill-ġurnata meta jinqatlu l-ekwini jkunu li qed ibatu mill-marda in kwistjoni,

- fil-kaz ta' anemia infettiva, sad-data meta, l-annimali infettati maqtula, l-annimali rimanenti juru reazzjoni negattiva għaz-zewġ testijiet Coggins magħmula bi tlett xhur żmien bejn wieħed u l-ieħor,

- waqt is-sitt xhur mill-aħħar każ, fil-kaz ta' stomatiti vesikolari,

- waqt xhar mill-aħħar każ, fil-każ ta' rabbja,

- waqt 15 il-ġurnata mill-aħħar każ, fil-każ ta' anthrax,

- jekk l-annimali kollha ta' speċi suxxettibbli għall-mard lokalizzati fir-razzett inqatlu u l-fond ġie disinfettat fi żmien 30 ġurnata, li jibdew jiddekorru mill-ġurnata meta l-annimali ġew distrutti u l-fond disinfettat, ħlief fil-każ ta' anthrax, meta il-perjodu ta' projbizzjoni hu ta' 15-il ġurnata;

(e) safejn naf jiena, ma' ġiex f'kuntatt ma' ekwini li jbatu minn mard infettiv jew kontaġġjuż matul 15 il-ġurnata qabel dik id-dikjarazzjoni.

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali

(f) fil-mument ta' spezzjoni kien adegwat għat-trasport tal-vjaġġ intenzjonat skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/628/KEE(4)

SKEDA C

MUDELL

Ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ bejn Stati Membri tal-KEE

EKWINI

Nru:.....

.....

Stat Membru tat-tluq :

.....

Ministeru responsabbli:

.....

Dipartiment Territorjali responsabbli:

.....

I. Għadd ta' ekwini:

II. Identifikazzjoni ta'ekwini:

Numru ta' ekwini	Speċi : Żiemel, ħmar, bagħal, bagħal ta' rkib	Razza, Eta`, Sess	Metodu ta' identifikazzjoni u identifikazzjoni

---

III. Oriġini u destinazzjoni tal-annimal/i:

L-annimal/i għandu/għandhom jintbgħat/u minn:

.....

(Post ta' esportazzjoni)

lejn:

.....

(Stat Membru u post ta' destinazzjoni)

Isem u indirizz ta' minn qed jagħmel il-konsenja:

.....……

……......

Isem u indirizz ta' minn qed jirċievi l-konsenja:

.....

.....…

IV. Informazzjoni dwar is-saħħa

Jiena, hawn taħt iffirmat, nikkonferma illi l-annimal/i deskritti hawn qabel jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

1. huwa/huma ġie/ġew eżaminati llum u ma juri/u ebda sinjali kliniċi ta' mard;

2. huwa/huma mhux intenzjonat/i għall-qatla taħt programm nazzjonali għall-eradikazzjoni ta' mard kontaġġjuz jew infettiv;

3. - huwa/huma ma' jiġix minn territorju jew parti minnu ta' Stat Membru/pajjiżi terz li huwa assoġġettat għar-restrizzjonijiet għar-raġunijiet tal-marda Afrikana taż-żiemel,

jew

jiġi minn territorju jew parti minnu ta' Stat Membru li huwa assoġġettat għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali u ġie sottopost, b'riżultati sodisfaċenti, għat-testijiet kif provdut fl-Artikolu 5 (3) tad-Direttiva 90/426/KEE fl-istazzjoni tal-kwarantina ta' …… bejn ……. u ……..;

- huwa/huma ma' ġiex/ġewx vaċċinati kontra l-marda Afrikana taż-żiemel,

jew

- huwa/huma ġie/ġew vaċċinati kontra l-marda Afrikana taż-żiemel nhar il-……;

4. huwa/huma ma' jiġix/jiġux minn razzett li kien assoġġettat għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali u lanqas ma' ġie f'kuntatt ma' ekwini minn razzett li kienu assoġġettati għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali:

- matul sitt xhur fil-kaz ta' ekwini suspettati li qabdu l-marda durina, li bdiet mid-data ta' l-aħħar kuntatt attwali jew possibbli ma' annimal marid. Madankollu, fil-kaz ta' stallun (żiemel mhux imsewwi miżmum għar-razza), il-projbizzjoni għandha tapplika sakemm l-annimal jiġi kastrat,

- matul is-sitt xhur fil-kaz ta' *glanders* jew enċefalomjelite ekwina, mill-ġunata meta jinqatlu l-ekwini li qed ibatu mill-marda in kwistjoni,

- fil-kaz ta' anemia infettiva, sad-data meta, l-annimali infettati maqtula, l-annimali rimanenti juru reazzjoni negattiva għaz-zewġ testijiet Coggins magħmula bi tlett xhur żmien bejn wieħed u ieħor,

- waqt is-sitt xhur mill-aħħar każ, fil-kaz taż stomatiti vesikolari,

- waqt xahar mill-aħħar każ, fil-każ ta' rabbja,

- waqt 15 il-ġurnata mill-aħħar każ, fil-każ ta' anthrax,

- jekk l-annimali kollha ta' speċi suxxetibli għall-mard lokalizzat fir-razzett inqatlu u l-fond disinfettat fi żmien 30 ġurnata, li jibqgħu jiddekorru mill-ġurnata meta l-annimali ġew distrutti u l-fond disinfettat, ħlief fil-każ ta' anthrax, fejn il-perjodu ta' projbizzjoni huwa ta' 15 il-ġurnata;

5. safejn naf jiena, ma' ġiex f'kuntatt ma' ekwini li jbatu minn mard infettiv jew kontaġġjuż matul 15-il ġurnata qabel din id-dikjarazzjoni.

6. fil-mument tal-ispezzjoni huwa/huma kien/u adatti għat-trasport tiegħu/tagħhom tal-vjaġġ intenzjonat skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/628/KEE.

V. Dan iċ-ċertifikat jibqa' validu għal għaxart ijiem.

Magħmul fil ....., data.....

Timbru

.....

(firma ta'veterinarju uffiċjali)

.....

……

(Firma)

(Isem f'ittri kbar u l-pożizzjoni tal-veterinarju firmatarju)

SKEDA D

Dijanjosi tal-marda Afrikana taż-żiemel

Reaġenti għall-analiżi immunosorbenti konnessi mal-enżimi (ELISA) spjegat hawn taħt jistgħu jiġu miksuba mill-Laboratorji ta' Referenza tal-Komunita` Ewropea jew mill-Laboratorji ta' Referenza tal-OIE għall-marda Afrikana taż-żiemel.

1. Elisa Kompetittiva għas-sejbien ta' anti-korpi għall-virus tal-marda Afrikana taż-żiemel (VMAŻ) (test preskritt)

L-ELISA kompettitiva tintuża għas-sejbien ta' anti-korpi speċifiċi tat-tip VMAŻ fis-sera minn xi speċi ta' ekwini. Is-serum ta' l-oġġett ta' esperiment newtrali għall-anti-VMAŻ b'ispettru vast u polikloniku (minn issa l' quddiem indikat bħala "l-oġġett ta' esperiment għal kontra s-serum) huwa serogrupp speċifiku u jista' jsib kull tip ta' serotipi tal-virus MAŻ.

It-test prinċipali huwa l-interruzjoni tar-reazzjoni bejn l-antiġen tal-VMAŻ antigen u il-fenek tal-oġġett ta' esperiment għal kontra s-serum bl-użu ta' kampjun ta' serum għat-testijiet. L-anti-korpi VMAŻ f'dan il-kampjun jikkompetu ma' dawk fl-oġġett ta' esperiment għal kontra s-serum u dan jirriżulta fit-tnaqqis tal-kulur pretiż (wara ż-żieda tal-antikorpi ta' kontra l-oġġett ta' esperiment tabellati bħala enżimi u sustrati). Is-sera tista' tiġi analizzata bħala diluzzjoni singola ta' 1 f'5 (metodu ta' spot-test) jew jista' jkun tirat (metodu ta' titrazzjoni <titration>) sabiex tagħti l-punti terminali lid-diluzzjoni. Il-valuri ta' inibizzjoni ogħla mill-50 % jiġu kunsidrati bħala pozittivi.

Il-protokoll tat-test deskritt hawnhekk jintuża fil-Laboratorju ta' Referenza Reġjonali għall-marda Afrikana taż-żiemel ġewwa Pirbright, fir-Renju Unit.

1.1. Proċedura tat-Test

1.1.1. *Preparazzjoni tal-plattini*

1.1.1.1. Iksi l-plattini tal-ELISA bl-antiġen tal-VMAŻ antiġen li ttieħed mill-kulturi taċ-ċelluli infettati u ħallathom bl-ilma ġewwa l-*buffer* tal-karbonat/bikarbornat, pH 9,6. Inkuba l-plattini tal-ELISA waqt il-lejl b'temperatura ta' 4 °C.

1.1.1.2. Aħsel il-plattini tlett darbiet billi timla l-*wells* u tisvujthom bis-salina *buffered* bil-fosfat (PBS), pH 7,2 sa 7,4 pH, u nixxfu bil-*blot dry* fuq karta assorbenti.

1.1.2. *Wells* għall-kontroll

1.1.2.1. Iddoża is-sera pożittiva tal-kontroll f'serje ta' diluzzjoni doppja, minn 1 sa 5 sa 1 f' 640, tul il-kolonna 1 fil-*buffer* li jibblokka (PBS magħmul minn 0,05 % (v/v) *Tween*-20, 5,0 % (w/v) trab tal-ħalib xkumat (*Cadbury's Marvel*^{TM}) u 1 % (v/v) serum ta' bovin adult) sabiex jagħti volum finali ta' 50 µl/*well*

1.1.2.2. Żid 50 µl ta' serum għall-kontroll negattiv b'diluzzjoni ta' 1 f'kull 5 (10 µl serum + 40 µl buffer li jibblokka) lill-*wells* A u B tal-kolonna 2.

1.1.2.3. Żid 100 µl/*well* tal-*buffer* li jibblokka mal-*wells* C u D tal-kolonna 2 (vojta).

1.1.2.4. żid 50 µl tal-*buffer* li jibblokka mal-*wells* E, F, G u H tal-kolonna 2 (kontroll tal-oġġett għall-esperiment).

1.1.3. *Metodu ta' spot test*

1.1.3.1. Żid 1 f'kull 5 diluzzjoni ta' kull test tas-serum mal-*buffer* li jibblokka sabiex jirodppja l-*wells* tal-kolonni 3 sa 12 (10 µl sera + 40 µl *buffer* li jibblokka).

jew

1.1.4. *Metodu ta' odżar tas-serum*

1.1.4.1. Ipprepara serje ta' diluzzjoni odppja ta' kull kampjun tat-test (1 f'kull 5 sa 1 f'kull 640) fil-*buffer* li jibblokka tul it-tmien *wells* ta' kolonni waħedhom (3 sa 12).

wara dan

1.1.5. Żid 50 µl ta' antisera tal-oġġett użat għall-espertiment, dilwit minn qabel fil-*buffer* li jibblokka, mal-*wells* kollha ħlief il-plattina li tikkonsisti mill-ELISA (il-*wells* kollha issa jikkonsistu minn volum finali ta'100 µl).

1.1.5.1. Daħħal fl-inkubatur għal siegħa bit-temperatura ta' 37 °C f'ħawwada orbitali.

1.1.5.2. Aħsel il-plattini tlett darbiet u xappaphom nexfin bħal qabel.

1.1.5.3. Żid 50 µl ta' *peroxidase* tal-għerq tal-mustarda tal-fenek li jaħdem kontra l-oġġett użat għall-esperiment (HRP) dilwit minn qabel fil-*buffer* tal-*blocking* ma' kull *well*.

1.1.5.4. Daħħal fl-inkubatur għal siegħa b'temperatura ta' 37 °C fil-ħawwada orbitali.

1.1.5.5. Aħsel il-platti tlett darbiet u xappaphom nexfin bħal qabel.

1.1.6. *Kromoġen*

Ipprepara s-soluzzjoni tal-kropmaġen OPD (OPD = orto-fenildjamina) skond l-istruzzjonijiet tal-manifatturi (0,4 mg/ml ġo ilma distillat sterili) eżatt qabel l-użu. Żid is-sostrat (idroġenu perossidu = H2O2) sabiex tagħti l-konċentrazzjoni finali ta' 0,05 % (v/v) (1 f'kull 2000 ta' 30 % soluzzjoni ta' H2O2). Żid 50 µl tas-soluzzjoni OPD ma' kull *well* u ħalli l-plattini fuq il-bank għal 10 minuti f'temperatura ambjentali. Waqqaf ir-reazzjoni biż-żieda ta' 50 µl/*well* ta' 1M aċidu solforiku (H2SO4).

1.1.7. Qari

Qari spektrofotometriku b'492 nm.

1.2. Espressjoni tar-riżultati

1.2.1. Bl-użu ta' pakkett ta' *software* stampa v-vlauri tad-densita` ottika (OD), u l-perċentaġġ ta' inibizzjoni (PI) għat-test u tas-sera għall-kontroll ibbażat fuq il-valur rapurtat fuq erba' oġġetti użati għall-esperiment għall-*wells* ta' kontroll. L-informazzjoni espressa bħala valuri OD u PI huma jintużaw biex jiġi determinat jekk it-test sarx f'ambiti aċċettabbli. Il-limiti ta' kontroll ta' fuq (UCL) u l-limiti ta' kontroll t'isfel (LCL) għall-oġġett ta' esperiment għall-kontroll huma bejn OD valuri ta' 1,4 u 0,4 rispetivament. It-trufijiet tat-titru għall-kontroll pożittiv ibbażat fuq 50 % PI għandu jkun ta' 1 f'kull 240 (ta' bejn 1 f'kull 120 sa 1 f'kull 480). Kull plattina li tonqos milli tikkonforma mal-kriterji hawn qabel indikati għandha tiġi riġettata. Madankollu, jekk it-titru tas-serum posittiv ta' kontroll huwa akbar minn 1 f'kull 480 u it-test tal-kampjuni għadhom fin-negattiv, b'hekk it-testijiet tal-kampjuni negattivi jistgħu jiġu aċċettati.

Il-kontrolli negattivi tas-serum *wells* duplikati u l-duplikati tal-*wells* vojta għandhom jirrapurtaw il-valuri PI bejn + 25 % u - 25 %, u bejn + 95 % u + 105 %, rispettivament. Nuqqas ta' tħaris ta' dawn il-limiti ma' jinvalidax il-plattini iżda ma' jissuġerix l-isvilupp tal-kulur fl-isfond.

1.2.2. Il-massimu dijanjostiku (valur *cut-off*) għat-sera użat fit-testijiet huwa 50 % (PI 50 %). Il-kampjuni li qed jirraporta il-valuri *PI values* akbar minn 50 % jiġu rappurtati bħala pożittivi. Il-kampjuni li qed jirrapurtaw il-valuri PI ta' inqas minn 50 % juma rappurtati bħala negattivi.

Il-kampjuni li jirrappurtaw il-valuri PI ogħla u inqas mill-massimu għall-*wells* duplikati huma kunsidrati bħala dubbjuż. Dawn il-kampjuni jistgħu jiġu eżaminati mill-ġdid fuq il-post u permezz ta' odżar. Il-kampjuni pożittivi jistgħu jiġu odżati sabiex jipprovdu indikazzjoni tal-grad ta' pożittivita`.

Spot test layout

	1	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**	**7**	**8**	**9**	**10**	**11**	**12**
	+ve kont	**Test sera**										
A	**1:5**	**-ve kont**	**31**	**32**	**33**	**34**	**35**	**36**	**37**	**38**	**39**	**40**
B	**1:10**	**-ve kont**	**31**	**32**	**33**	**34**	**35**	**36**	**37**	**38**	**39**	**40**
C	**1:20**	**Vojt**										
D	**1:40**	**Vojt**										
E	**1:80**	**GP kont.**										
F	**1:160**	**GP kont.**										
G	**1:320**	**GP kont.**	**1**	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**	**7**	**8**	**9**	**10**
H	**1:640**	**GP kont.**	**1**	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**	**7**	**8**	**9**	**10**

-ve kont= kontroll negattiv.

+ve kont= kontroll posittiv.

GP kont= *guinea pig* kontroll

Test sera

	1	**2**	**3**	**4**	**5**	**6**	**7**	**8**	**9**	**10**	**11**	**12**
	+ve kont	**Test sera**										
A	**1:5**	**-ve kont**	**1:5**									**1:5**
B	**1:10**	**-ve kont**	**1:10**									**1:10**

C	**1:20**	**Vojta**	**1:20**									**1:20**
D	**1:40**	**Vojta**	**1:40**									**1:40**
E	**1:80**	**GP kont.**	**1:80**									**1:80**
F	**1:160**	**GP kont.**	**1:160**									**1:160**
G	**1:320**	**GP kont.**	**1:320**									**1:320**
H	**1:640**	**GP kont.**	**1:640**									**1:640**

-ve kont= kontroll negattiv.

+ve kont= kontroll posittiv.

GP cont= *guinea pig* kontroll

2. Elisa indiretta għas-sejbien ta' anti-korpi kontra l-virus tal-marda Afrikana taż-żiemel (VMAŻ) (test preskritt)

It-test diskritt hawn taħt huwa skond id-deskrizzjoni tat-test ta' Kapitolu 2.1.11 tal-*OIE Manual of Standards for Diagnostic Tests and Vaccines, fourth edition, 2000.*

Il-protejina rikombinanti VP7 intużat bħala antiġen tad-determinazzjoni ta' l-antikorp kontra l-virus tal-AĦS b'indiċi għoli ta' sensittivita` u speċifiku. Vantaġġi oħrajn huma li huwa stabbli u mhux infettiv.

2.1. Il-proċedura tat-test

2.1.1. *Fażi solida*

2.1.1.1. Il-plattini tal-ELISA huma miksijin bil-VMAŻ-4 VP7 rikombinanti dilwit fil-*buffer* karbonat/bikarbonat, pH 9,6. Daħħal il-plattini f'inkubatur matul il-lejl bit-temperatura ta' 4 °C.

2.1.1.2. Aħsel il-plattini ħames darbiet bl-ilma distillat konsistenti minn 0,01 % (v/v) *Tween 20* (soluzzjoni għall-ħasil). Teptep ġentilment il-plattini għal fuq materjal assorbenti sabiex tneħħi kull ħasil żejjed.

2.1.1.3. Ibblokka l-plattini bil-buffer tal-fosfat salina (PBS) + 5 % (w/v) ħalib xkumat (*Nestlé Dry Skim Milk*^{TM}), 200 µl /*well*, għal siegħa bit-temperatura ta' 37 °C.

2.1.1.4. Neħħi s-soluzzjoni blokkanti u ġentilment teptep il-plattini għal fuq il-materjal assorbenti.

2.1.2. *Kampjuni għat-testijiet*

2.1.2.1. Wara li l-kampjuni tas-sera li għandhom jiġu eżaminati, u s-sera pożittiva u negattiva tas-sera tal-kontroll, dawn jiġu dilwiti f'1 f'kull 25 f'PBS + 5 % (w/v) ħalib xkumat +0,05 % (v/v) *Tween 20*, 100 µl kull *well*. Inkubatur għal siegħa f'temperatura ta' 37 °C.

Għad-odżar, għamel serje ta' diluzzjonijiet doppji minn 1 f'kull 25 (100 µl /well), ladarba s-serum ta' kull colonna tal-plattina, u għamel l-istess mal-kontrolli pożittivi u neġattivi. Daħħal fl-inkubatur għal siegħa bit-temperatura ta' 37°C.

2.1.2.2. Aħsel il-plattini kif deskrtt taħt il-pass mumri 2.1.1.2.

2.1.3. Ikkonjuga

2.1.3.1. Uża 100 µl /well ta' perossidu ta' għerq (HRP) -konġugat anti-żiemel gamma-globulin dilutat f'PBS + 5 % ħalib + 0,05 % *Tween 20*, pH 7,2. Daħħal fl-inkubatur għal siegħa b'temperatura ta' 37 °C.

2.1.3.2. Aħsel il-plattini kif indikat fil-punt 2.1.1.2.

2.1.4. *Kromoġen/Substrat*

2.1.4.1 Żid 200 µl /well tas-soluzzjoni ta' kromoġen/substrat (10 ml of 80,6 mM DMAB (dimetil aminobenżaldeħid) + 10 ml of 1,56 mM MBTH (3-metil-2-benżo-tijażolin idrażon ħidrokloridu) + 5 µl H2O2)

L-iżvilupp tal-kulur jiġi mwaqqaf billi jiżdied 50 µl ta' 3N H2SO4 wara madwar bejn 5 u 10 minuti (qabel jibda l-kontroll negattiv għall-kolorazzjoni).

Kromoġeni oħra bħal ABTS (2,2'-Ażino-bis-[3-etilbenżotjażolina-6-aċtu solfoniku]), TMB (tetrametil benżidin), jew OPD (orto-fenildjamin) jistgħu jintużaw ukoll.

2.1.4.2. Qaqra l-plattini b'600 nm (jew 620 nm).

2.2. Interpretazzjoni tar-riżultati

2.2.1. Ikkalkula l-valur *cut-off* billi żżid 0,6 lill-valur tal-kontroll negattiv (0,6 hija d-devjazzjoni normali li toħroġ minn grupp ta' 30 sera negattiva).

2.2.2. Kampjuni tat-testijiet li jagħtu valur assorbenti ta' inqas minn tal-*cut-off* huma indikati bħala negattivi.

2.2.3. Kampjuni għat-testijiet li jagħtu valur assorbenti ta' akbar minn tal-*cut-off* + 0,15 huma kkunsidrati bħala pożittivi.

2.2.4. Kampjuni tat-testijiet li jagħtu l-valur ta' assorbenza intermedja huma dubbjużi u għandha tintuża teknika oħra sabiex ir-riżulat jiġi kkonfermat.

3. Twaqqif ta' l-elisa għas-sejbien ta' anti-korpi kontra l-virus tal-marda Afrikana taż-żiemel (VMAŻ) (test preskritt)

It-twaqqif ta' l-ELISA huwa disinjat għas-sejbien ta' antikorpi speċifiċi tal-VMAŻ fis-sera minn kull speċi suxxetibbli għaliha. VP7 hija l-proteina virali, prinċipali u antiġenika tal-VMAŻ, u tiġi priservata f'disa' sterjotipi. Peress illi l-korp monokloniku (Mab) huwa wkoll dirett kontra l-VP7, l-assaġġ jagħti livell għoli ta' sensittivita` u speċifiċita`. Apparti minn dan, l-antiġen rikombinanti VP7 huwa kompletament innokwu u b' hekk jiggarantixxi grad għoli ta' sigurta`.

It-test prinċipali huwa l-interruzzjoni tar-reazzjoni bejn ir-rikombinanti VP7, u l-antiġen marbut mal-plattini ta' l-ELISA u l-konġugat Mab speċifiku għal VP7. L-antikorp fis-sera għat-testijiet tibblokka r-reazzjoni bejn l-antiġen u l-Mab li jirriżulta fit-tnaqqis fil-kulur.

It-test hawn taħt deskritt isir fil-Laboratorji referenzjali tal-Komunita` Ewropea li jistudjaw l-Marda Afrikana taż-żiemel f' Algete, Spanja.

3.1. Proċedura tat-test

3.1.1. *Plattini tal-ELISA*

3.1.1.1. Iksi l-plattini ta' l-ELISA bil-rikombinanti VMAŻ-4 VP7 dilwit fil-*buffer* ta' karbonat/bikarbonat, pH 9,6. Daħħal f'inkubatur matul il-lejl bit-temperatura ta' 4 °C.

3.1.1.2. Aħsel il-plattini ħames darbiet bil-*buffer* tal-fosfat tas-salina (PBS) li jikkonsisti minn 0,05 % (v/v) *Tween 20* (PBST).

3.1.1.3. Agħmel stabbli l-plattina permezz tat-trattament bl-użu ta' soluzzjoni stabbilizzanti (sabiex jippermetti ħażna għal żmien twil fit-temperatura ta' 4 °C mingħajr telf ta' attivita`) u nixxef l-istess fuq materjal li jixrob.

3.1.2. *Kampjuni użati għat-testijiet ul- kontrolli*

3.1.2.1. Għal osservazzjoni:

ħallat it-test tas-sera u l-kontrolli 1 sa 10 direttament għal fuq il-plattina fil-PBST biex tagħti volum finali ta' 100 µl/*well*. Daħħal fl-inkubatur għal-siegħa bit-termperatura ta' 37 °C.

3.1.2.2. Għad-dużar:

ipprepara serje ta' sera għat-testijiet f'diluzzjoni doppja u l-kontrolli pożittivi (100 µl/well) mill-1 f'kull 10 sa 1 f'kull 1,280 tul tmien *wells*. Il-kontroll negattiv jiġi eżaminat b'1 f'kull 10 diluzzjonijiet.

3.1.3. *Ikkonjuga*

Żid 50 µl /well ta' perossidu tal-għerq dilutat minn qabel (HRP) –Mab konġugat (antikorpi monokloniċi speċifiċi għal VP7) ma' kull *well* u ħallat bil-mod biex tassikura l-omoġeneita`. Daħħal fl-inkubatur għal 30 minuta bit-temperatura ta' 37 °C.

3.1.4. Aħsel il-plattini ħames darbiet bl-użu ta' PBST u nixxef kif indikat hawn qabel.

3.1.5. *Kromoġen/Substrat*

Żid 100 µl */well* tas-soluzzjoni kromoġen/substrat (1 ml ta' ABTS (2,2'-Ażino-bis-[3-etilbenżotjażolina-6-aċtu solpforiku]) 5 mg/ml + 9 ml ta' substrat tal-*buffer* (0,1 M *buffer* tal-Fosfat-Ċitrat ta' pH 4 konsistenti minn 0,03 % H2O2] u daħħal f'inkubatur għal 10 minuti bit-temperatura tal-kamra. L-isvilupp tal-kulur jiġi mwaqqaf billi jiżdied 100 µl /well ta' 2 % (w/v) SDS (sulfat tas-sodju dodesil).

3.1.6. *Qari*

Aqra b'405 nm f'aparat li jaqra l-ELISA.

3.2. Interpretazzjoni tar-riżultati

3.2.1. *Validazzjoni ta' l-analiżi*

It-test huwa validu meta d-densita` ottiku (OD) ta' kontroll negattiv (KN) huwa ogħla minn 1,0 u l-OD tal-kontroll posttiv (KP) huwa inqas minn 0,2.

3.2.2. *Kalkolu tal-Cut-offs*

Cut-off pożittiv = KN – ((KN – KP)x 0,3)

Cut-off negattiv = KN – ((KN – KP)x 0,2)

Fejn, il-KN huwa l-OD tal-kontroll negattiv u l-KP u d-OD tal-kontroll pożittiv.

3.2.3. *Interpretazzjoni tar-riżultati*

Kampjuni b'OD inqas mill-*cut-off* pożittiv għandhom jiġu kkunsidrati bħala pożittivi fir-rigward tal-antikorpi tal-VMAŻ.

Kampjuni b'OD għola mill-*cut-off* negattiv għandhom jiġu kkunsidrati negattivi għall-antikorpi VMAŻ.

Kampjuni bid-OD bejn dawn iż-żewġ valuri għandhom jiġu kkunsidrati dubbjużi u għandhom jierġgħu jittieħdu kampjuni mill-annimali wara ġimgħatejn jew tlieta.